MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 188/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 188/2012**

Il-Qorti

Omissis

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ Marzu, 2012, kif ukoll f’ dawn l-ahhar granet qabel din id-data:

1 Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f’ Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-

Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli matul din l-ahhar sena;

2 Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija tordna lil imputat sabiex ihallas lir-Registratur ta’ l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f’ dak iz-zmien u f’ dak l-ammont bhal ma kien gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 7 u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali ta’l-imputat li hija netta u l-eta tieghu, kif ukoll ic-cirkostanzi

kollha ta’ dan il-kaz kif jirrizultaw mill-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 7 u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta’ sena. Il-Qorti qed tordna id-distruzzjoni tas-sostanza esebieta Dok JB6 kif ukoll kwalunkwe sostanza ohra li setghet giet sekwestrata mill-Pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjoni dwar dan il-kaz u dan a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti qed tilqa’ it-talbiet ta’ l-imputat u tordna li din il-kundanna ma tigix imnizzla fic-certifikat tal-kondotta ta’l-imputat u qed tordna ukoll id-divjet ta’ isem l-imputat f’kwalunkwe mezz ta’ xandir u/jew stampa.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------